MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2007

Talba Numru. 46/2004

George Bugeja u b'digriet tas-27 ta' Frar 2007, il-gudizzju gie trasfuz f'isem George John Bugeja u Anastasia mart Mark Xerri stante li fil-mori tal-kawza miet l-attur.

vs

Alan Azzopardi

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tal-attur li jghid hekk :

"Il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' sitt mija tmienja u sittin lira u erbgha u disghin centezmu (Lm668.94), u b'digriet tal-21 ta' Frar 2007, l-ammont giet kkoregut u awmentat ghal sitt mija u disa' u sebghin liri maltin u tmenin centesimi (Lm679.80), rapprezentanti hsarat minnu sofferti meta nhar l-20 ta' Marzu 2004, ghal habta ta' l-4.00p.m. f'Soil Street, Xewkija, Ghawdex, waqt li huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu tat-tip Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni EAW-832, il-konvenut, li kien

qed isuq vettura tat-tip Ibiza Cordoba bin-numru ta' registrazzjoni GAQ-637, baqa' diehel fih u ikkawza incident awtomobilistiku, liema incident sehh minhabba imperizja, traskuragni, negligenza, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-istess konvenut.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta tal-konvenut li tghid hekk :

"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita', u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-incident de quo sar in konsegwenza ta' imperizja, negligenza, u nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet tat-traffiku da parti ta' l-attur George Bugeja u dan salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi tinhtieg ukoll il-kjamata in kawza tas-socjeta' assiguratrici tal-konvenut Victoria Insurance Agency Limited."

Ra l-atti kollha tal-kawza fl-ismijiet : Alan Azzopardi vs George Bugeja u b'digriet tat-12 ta' Lulju 2006, il-gudizzju gie trasfuz f'isem George John Bugeja u ohtu Anastasia mart Mark Xerri stante l-mewt ta' George Bugeja fil-mori tal-kawza [Avviz numru 14/2002], deciza mill-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri b'sentenza tal-15 ta' Settembru 2006, li gew allegati f'din il-kawza b'digriet tal-15 ta' Marzu 2007.

Sema' wkoll lil George John Bugeja bil-gurament fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2007, fejn b'zieda ma' dak li xehed fil-kawza fuq imsemmija Avviz numru 14/2002, huwa esibixxa wkoll l-ircevuti u l-invoices tal-ispejjez li gew inkorsi fi bdil ta' *spare parts* u xoghol [dokumenti GB1 sa GB4] biex giet imsewwija l-hsara fuq il-vettura Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni EAW-832.

Ikkunsidra :

Din hija kawza fejn l-attur kien qed jazzjona lill-konvenut ghall-hlas tad-danni li gew sofferti minnu fl-incident

stradali li gara x-Xewkija, Ghawdex, fl-20 ta’ Marzu 2004, bejn il-vettura tal-marka Hyundai numru ta’ registrazzjoni EAW-832, misjuqa mill-attur u l-vettura tal-marka Seat Cordoba numru ta’ registrazzjoni GAQ-637, misjuqa mill-konvenut.

Mill-provi migbura fl-atti tal-kawza Avviz numru 14/2002, jispikka fattur ta’ rilevanza determinanti u krucjali ghall-finijiet biex tigi stabbilita’ ta’ min mill-partijiet hija r-responsabbilita’ ghall-akkadut. Dan huwa li l-konvenut kien ser jittraversa lateralment Triq Il-Hamrija, minn tarf sa tarf, hareg minn Triq San Gwann biex jidhol fi Triq Il-Gladjoli. L-incident sehh proprju waqt li l-konvenut kien qieghed jattwa din il-manuvra u sab l-ostakolu tal-vettura li kien qed isuq George Bugeja, illum mejjet, li kienet qed tinstaq tul Triq Il-Hamrija. Fl-iskizz a folio 38 tal-Avviz numru 14/2002 hemm spjegat il-konfigurazzjoni tat-toroq fil-lokalita’ in kwistjoni li minnu dan it-Tribunal jafferma illi fil-konfront ta’ Triq Il-Hamrija, kemm Triq San Gwann kif ukoll Triq Il-Gladjoli huma ta’ importanza minuri jekk mhux wkoll toroq sekondarji ghaliha.

Issa minn provi ohra akkwisiti u migbura fl-atti tal-kawza jirrizulta li l-habta kienet wahda frontali minn naha tal-konvenut [ritratti esibiti u markati AA2 sa AA6] mal-genb tal-lemin fuq quddiem tal-vettura tal-attur [ritratti esibiti u markati JB1 sa JB3]. Jirrizulta oltre dan li ma kien hemm ebda sinjali ta’ *brake marks* jew *tyre marks* mill-ebda parti u li l-art kienet niexfa. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm ebda elementi atmosferici li setghu jostakolaw il-vizwali ghajr xi bini ta’ hajt gholi fuq in-naha ta’ Triq San Gwann minn fejn hareg il-konvenut li ftit jew xejn hu rilevanti ghall-kwistjoni tar-responsabbilita’.

Fl-ottika ta’ dan kollu, jigifieri, il-konfigurazzjoni tat-toroq u l-importanza rispettiva taghhom, in-nuqqas ta’ xi marki ta’ bbrekkjar, l-elementi atmosferici favorevoli, u wkoll il-mod ta’ sewqan tal-attur priv minn kull censura, jinducu lil dan it-Tribunal ghall-istess konkluzjoni li wasslet ghaliha l-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fil-kawza Avviz numru 14/2002, li l-konvenut ghandu jwiegeb unikament ghal dan l-incident u r-responsabbilita’

ghandha tigi akkollata kollha lilu stante li kien jinkombi fuqu l-piz li jaccerta li jwettaq il-manuvra minghajr perikolu ghall-uttenti l-ohra – haga li fic-cirkostanzi, u fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-konvenut m'ghamilx kif palesament evidenzjat anke' mid-danni riportati fil-vetturi nvoluti f'din il-kollizjoni.

Rigward id-danni reklamati mill-attur, dawn bl-ebda mod ma gew ikkontestati mill-konvenut u t-Tribunal ma jara ebda raguni l-ghaliex m'ghandux iqis dawn id-danni bhala gustifikati.

Wara li ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380, l-artikoli 1033 u 1045 tal-Kodici Civili Kap.16., u r-Regolamenti 205, 207, 211, 212, u 213 tal-Kodici tat-Traffiku [Edizzjoni : Settembru 2001].

Ghaldaqstant, qieghed dan it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali tal-20 ta' Marzu 2004, li gara fi Triq Il-Hamija Xewkija, Ghawdex, bejn il-vettura tal-marka Hyundai numru ta' registrazzjoni EAW-832, li kienet qed tinstaq minn George Bugeja, u l-vettura tal-marka Seat Cordoba numru ta' registrazzjoni GAQ-637, li kien qed isuq il-konvenut, u filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet tal-atturi, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi solidalment bejniethom id-danni li jammontaw ghal sitt mija u disa' u sebghin liri maltin u tmenin centesimi (Lm679.80), bl-imghaxijiet mid-data ta' din id-decizjoni, u bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------